# Città Ferdinando

L-imħabba li s-Siġġiwin għandhom lejn il-padrun tagħhom San Nikola hija magħrufa minn kulħadd. Imma barra minn hekk, is-Siġġiwin dejjem ħabbew 'l-art twelidhom u b'mod partikolari lir-raħal tagħhom.

Din l-imħabba lejn ir-raħal tagħhom ila ġejja mill-antik kif ser naraw minn dan li ġej.

Kienet drawwa fi żmien il-kavallieri ta' San Ġwann li xi rħula jiksbu għar-raħal tagħhom it-titolu ta' belt mingħand il-Gran Mastru li jkun jirrenja f'dak iż-żmien. Għalhekk insibu per eżempju li l-Qormin kisbu t-titlu ta' Belt Pinto mingħand il-Gran Mastru Emmanuel Pinto. (Il-qanpiena li għandna fil-knisja tal-Providenza kienet rigal ta' dan il-Gran Mastru u ġġib l-arma tiegħu). Ħaż-Żebbuġ ġie mgħolli f'belt minn De Rohan u Ħaż-Żabbar ħa t-titlu ta' Belt Hompesch.

Għalhekk is-Siġġiwin ma xtaqux jibqgħu wara rħula oħra ta' Malta Kien żmien Ferdinand von Hompesch, l-aħħar Gran Mastru ta' l-ordni f'Malta, li tħajru jagħmlu bħal ħaddieħor u jakkwistaw it-titolu ta' Belt.

Il-Gran Mastru Hompesch kien tista' tgħid trabba f'Malta. Kien jaf bil-Malti, bniedem dħuli u fabbli ma' kulħadd. Kien ukoll popolari ħafna mal-Maltin u kien ta' spiss iżur l-irħula ta' Malta biex jiltaqa' mas-sudditi tiegħu.

Fl-1797, is-Siġġiwin stiednu 'l dan il-Gran Mastru biex iżur ir-raħal nhar is-6 ta' Diċembru għall-Festa ta' San Nikola. Hompesch laqa' din l-istedina u għamel żjara fis-Siġġiewi. Ġie milqugħ bil-kbir fid-dar tal-Kaptan ta' l-armi fl-Armerija, illum dar privata fi Triq il-Kbira. Dari, din it-triq kienet magħrufa wkoll bħala Triq Irjali, propju mħabba din l-okkażjoni. Wara, saritlu laqgħa b'ċerimonja kbira mill-poplu tas-Siġġiewi.

Wara din iż-żjara, ittieħdet l-okkażjoni biex il-poplu jitlob dak li kien ilu jixtieq, jiġifieri li jara lis-Siġġiewi mgħolli f'belt. Għalhekk il-kappillan Dun Salv Corso, bniedem li ismu ma jmut qatt minn qlub is-Siġġiwin għall-ħidmiet tiegħu fil-Parroċċa, għan-nom tal-poplu tas-Siġġiewi bagħat lill-Gran Mastru dan ir-rikordju bħalha rikors.

Maqlub għall-Malti minn Manuskritt bit-Taljan li jinsab fil-Biblioteka (Arch. 623 fol. 206), dan ir-rikors igħid hekk:

"Altezza Serenissima

Il-poplu tas-Siġġiewi, serv umilissimu u qaddej fidil ta' l-Altezza Tiegħek Serenissima, hieni għall-grazzja li l-A.T.S. għoġboha tikkonċedilu nhar is-6 ta' dan ix-xahar ta' Diċembru 1797, jum dedikat lil San Nikola ta' Bari u li fih, b'tieba liema bħala, indenjajt tonorah bil-preżena sovrana tagħna, waqt li l-ġrajja glorjuża ta' dan il-jum b'tifkira li qatt ma tintesa, bil-qima kollha u bi ħrara jitolbu lill-qalb twajba u

ħanina ta' l-A.T.S. li jkollha pjaċir iżżejjen dan ir-raħal, hekk magħruf Siġġiewi, u toħolqu f'Belt mogħnija bl-isem glorjuż u nobbli tiegħek ta' San Ferdinando – billi tagħti lill-pajżani kollha, dawk id-drittijiet kif ġew mogħtija minn slaten ta' qabel l-A.T.S. lil dawk l-imkejjen li ġew maħluqa bliet f'isimhom – u hekk, l-isem meqjum ta' l-A.T.S. LI ĠA TNISSEL FIL-QLUB TAS-SIĠĠIWIN kollha għal ħafna grazzji mogħtija, jibqa' wkoll għal dejjem minqux fid-dija ta' dan il-pajjiż innifsu u hekk tgħix f'kulħadd il-memorja tal-ġid sovran u tat-tjubija ta' l-A.T.S."

Ma għaddiex żmien wisq għax, ftit jiem wara li sar dan ir-rikors, b'digriet maħruġ fil-Palazz nhar it-30 ta' Diċembru 1797, it-talba tal-poplu ġiet milqugħa u s-Siġġiwin ġew mogħtija t-titlu ta' **Città Ferdinando**.

Id-digriet bil-Latin li jifforma parti mill-istess dokument fuq imsemmi jgħid hekk:

"MAG. HOSPLIS. HIERLAM – FIAT P. PETITUR SUB NOMINE SANCTI FERDINANDI."

"DAT. IN PAL. DIE XXX DICEMBRIS 1797" S. ZAMMIT AUD.

Ta' min igħid ukoll li b'digriet li jġib l-istess data, iż-Żejtun ġie wkoll maħluq mill-istess Gran Mastru f'Città Beland.

Hija ħaġa sabiħa li fir-raħal tagħna dan l-aħħar semmew żewġ toroq, waħda għall-Gran Mastru Hompesch u l-oħra għall-Kappillan Salvatore Curso li rsista ħafna biex is-Siġġiwin jieħdu dan it-titlu. Dawn it-toroq qegħdin lejn il-Kelċeppu.

Sa ftit snin ilu, fil-pjazza kien hemm bar li kien iġib l-isem "Ferdinand Bar". Floku llum hemm każin ta' partit politiku.

**Mr. John Vassallo**

**GHAL KULL XOGHOL TA' BINI TA' DJAR
FLATS, VILEL BIL-HNEJJIET
U BIL-LAVUR U ALTERAZZJONIET**

XOGHOL TA' TAHMIL BIL-GAFFA
KEMM TA' HAMRIJA U TERRAPIN
SAQSU GHAL JOE VELLA (BULLOQ)

**TA' CASA BELLA, TRIQ ID-DIFA, SIGGIEWI
TEL: 607201**

PREZZIJIET MODERATI